**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Jimmy Vella Ltd (C12556)**

**Vs**

**Arne Schmidt (Passaport Germaniz nr 551590955), u**
**Astreika Marina (Permess ta' residenza ta' Malta MT 3720071)**

**Rikors Guramentat Numru: 135/17**

Illum 22 ta' Mejju 2018

Il-Bord,

Ra r-rikors tas-socjeta' rikorrenti Jimmy Vella Limited (C-12556) li jaqra hekk:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija proprjetarja tal-fond ossia penthouse, No. 7 Morning Mist Court, Massimiliano Kolbe Street, San Pawl il-Bahar, li hija kriet lill-intimati b'kuntratt tat-2 t' Ottubru 2015 li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u rnmarkata bhala "Dokument B".

2. Illi l-kirja giet kuntrattata ghal-perjodu ta' sentejn ossia sena *di fermo* u sena *di rispetto* mit-3 ta' Ottubru 2015 sat-2 ta' Ottubru 2017, bil-kera ta' €850 fix-xahar (eskluz il- V.A.T.) pagabbli kull xahar bil-quddiem.

3. Illi l-intimati huma moruzi fil-hlas tal-kera ghall-perjodu bejn it-2 ta' Frar 2017 u 1-1 ta' Awwissu 2017 (inkluz il-V.A.T.) liema arretrati jammontaw

ghas-somma ta' €6,018, u dan skond rendikont hawn anness u rnmarkat bhala "Dokument C".

4. Illi oltre dan 1-intimati huma wkoll moruzi fil-hlas tas-sornma ta' €700 rapprezentanti konsum tad-dawl u l-ilma fil-fond imsemmi, li skond il-kuntratt ta' lokazzjoni Dokument B huma a karigu tal-inkwilin, ossia 1-intimati.

5. Illi s-socjeta rikorrenti interpellat lill-intimati b'ittra tal-24 ta' Awwissu 2017 hawn annessa u rnmarkata bhala "Dokument D" sabiex jhallsu immedjatament l-ammonti dovuti minnhom kif hawn fuq spjegat u totalment arnmontanti ghal €6,718, izda dawn baqghu inadempjenti u ma ghamlu l-ebda pagament.

6. Illi l-intimati sa fejn jaf ir-rikorrenti, m'ghandhornx difiza x'jaghtu kontra t-talba tieghu.

7. Illi huwa jaf lilu innifsu bil-fatti kif fuq esposti u jikkonferma dan bil-gurament tieghu.

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghall-ezekuzzjoni tad-debitu msemmi ta' €6,718 naxxenti mill-iskrittura ta' lokazzjoni surreferita.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati mis-smigh tal-kawza odjerna bil-proceduri sommarji specjali kif stabbiliti mill-Ligi a tenur ta' l-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob lil dan l-Onorabbli Bord biex jordna lill-intimati biex jidhru quddiem il-Bord fil-gumata u hin kif stabbilit mill-istess Bord u f'kaz li l-intimati ikunu kontumaci f’dik is-seduta, jew inkella jekk huma jonqsu milli juru f’dik is-seduta li jkollhom difiza li tiswa' u li jistghu jaghmlu sabiex jikkontestaw t-talbiet tar-rikorrenti, l-imsemmi Bord li Jirregola l-Kera ghandu:-

1. Jillkwida l-arretrati tal-kera dovuti mill-intimati lir-rikorrenti mit-2 ta’ Frar 2017 sal-1 ta’ Awwissu 2017 ammontanti ghal €6,018.

2. Jillikwida l-arretrati f'pagamenti dovuti mill-intimati lir-rikorrenti ghall-konsum tad-dawl u l-ilma fil-fond in kwistjoni ammontanti ghal €700.
3. Jikkundanna lill-intimati jhallsu dik is-somma dovuta totalment ammontanti ghal €6718, oltre l-imghax legali.
4. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimati gew debitament notifikati bir-rikors promotur u bl-avviz ghas-smiegh u ra li ma dehrux biex jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti.

Sema' x-xhieda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra:

Mill-atti jirrizulta li l-kumpanija rikorrenti kriet lill-intmati l-fond imsemmi fir-rikors promotur permezz ta' skrittura tat-2 ta' Ottubru 2015 versu l-kera ta' €850 fix-xahar pagabbli kull xahar bil-quddiem. Inoltre' obbligaw ruhhom li jhallsu s-servizzi tad-dawl u ilma.

Jirrizulta li l-istess intimati naqsu li jhallsu l-kera ghall-perjodu bejn it-2 ta' Frar 2017 u l-1 ta' Awwissu 2017 ammontanti ghal €6018 u lanqas ma hallsu l-ammonti dovuti ghall-konsum tad-dawl u ilma. Is-socjeta' rikorrenti kitbet lill-intimat sabiex tinterpellah ihallas l-ammonti reklamati izda baqa' inadempjenti sallum.

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma misthoqqa.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk:

1. Jillkwida l-arretrati tal-kera dovuti mill-intimati lir-rikorrenti mit-2 ta' Frar 2017 sal-1 ta' Awwissu 2017 ammontanti ghal €6,018.
2. Jillikwida l-arretrati f'pagamenti dovuti mill-intimati lir-rikorrenti ghall-konsum tad-dawl u l-ilma fil-fond in kwistjoni ammontanti ghal €700.

3. Jikkundanna lill-intimati jhallsu dik is-somma dovuta totalment ammontanti ghal €6718, oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**